# L-IMĠARR

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imġarr

It-Tmien Leġislatura

Seduta Numru 8/03, it-Tnejn 12 ta'Awwissu 2019

Il-Kunsill Lokali tal-Imġarr issejjaħ fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab f' 22, Triq Sir Harry Luke, l-Imġarr sabiex jiltaqa' għal-Laqgħa tal-Kunsill numru 3 tat-Tmien Leġislatura, nhar it-Tnejn, 12 ta' Awwissu 2019 fil-5:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

| | |
|---|---|
| Paul Vella | Sindku |
| Clayton Gauci | Kunsillier |
| Tiziana Borg Busuttil | Kunsillier |
| Odette Muscat | Kunsillier |
| Cyprian Dalli | Segretarju Eżekuttiv |

**ASSENTI**

| | |
|---|---|
| Wistin Vella | Viċi Sindku |

**ASSENTI B' APOLOĠIJA**

Hadd

**MEMBRI TAL-PUBBLIKU**

Hadd

**----- MINUTI -----**

i. Il-laqgħa bdiet fil-5:14pm.

ii. Il-laqgħa xxandret dirett fuq il-paġna elettronika tal-Kunsill permezz tas-sistema tal-live streaming.

iii. Il-laqgħa tmexxiet fuq l-aġenda segwenti:

*3.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;*

*3.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;*

*3.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku;*

*3.4 Korrispondenza*

*3.5 Temi oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;*

*3.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-Iskeda tal-Pagamenti;*

*3.7 Stat tal-bajja tal-Ġnejna matul ix-xhur tas-sajf*

*3.8 Preparamenti Festa 2019*

*3.9 L-aħħar żviluppi dwar il-proġett ta' Triq Sir Harry Luke;*

*3.10 Data għal-laqgħa li jmiss u tmiem tal-laqgħa.*

iv. Il-Kunsillier Clayton Gauci daħal għal-laqgħa fil-5:24pm.

**3.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġiji**

2.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li ma kienx hemm l-ebda' ittri ta' Apoloġiji għal din il-laqgħa.

**3.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

3.2.1 Il-minuti tal-aħħar laqgħa tal-Kunsill kienu ġew iċċirkulati minn qabel mis-Segretarju Eżekuttiv lill-membri tal-Kunsill u għaldaqstant ġew meqjuża bħala approvati.

3.2.2 Il-minuti tal-aħħar laqgħa għalhekk ġew iffirmati mis-Sidku u mis-Segretarju Eżekuttiv quddiem il-membri l-oħra tal-Kunsill.

## 3.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

3.3.1 Is-Sindku semma li kien beda' jitwaħħal it-tagħmir tal-outdoor gym fil-Housing Estate. It-tagħmir l-ieħor kien wasal biex jitwaħħal ukoll. Kien ġie installat id-dawl ukoll.

3.3.2 Fil-Ġnien Alwiża kien wasal biex jinbidel id-dawl. Dan ser isir permezz tas-supplier li ir-Reġjun għandu kuntratt miegħu.

3.3.3 Is-Sindku semma li kien sar xi xogħol ta' konkos fuq it-Triq tal-Armaġġ peress li kien hemm periklu u hekk dan ġie evitat.

3.3.4 Ġie rranġat parti mill-passaġġ ta' wara il-ground tal-football peress li kien perikoluż.

3.3.5 Is-Sindku qajjem għad-diskussjoni proposta ta' dħul alternattiv għall-iskola primarja. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li jipproponi li ssir rampa minn Triq Ramiro Cali'. Is-Sindku għandu jkellem lill-amministrazzjoni tal-iskola dwar dan.

3.3.6 Is-Sindku poġġa għad-diskussjoni proposta ta' handyman addizzjonali għal xogħol tal-Kunsill. Dan peress li il-handyman attwali kien spiċċa waħdu wara il-mewt ta' Paul Grech. Galhekk il-Kunsill qabel unanimament li jiddaħħal Conrad Cetchuti li diġà kien ħadem mal-Kunsill fil-passat, biex jgħin lill-handyman Joe Sammut b' effett immedjat.

## 3.4 Korrispondenza

3.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq numru ta' ċirkolari u korrispondenzi oħra mingħand id-Dipartiment għal-Gvern Lokali, u entitajiet oħra.

3.4.2 Is-Segretarju ressaq invit għal-laqgħa mal-AKL aktar tard matul Awwissu 2019.

3.4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-membri tal-Kunsill biex jirritornaw il-formula tal-FS4 dwar qtugħ ta' rati ta' taxxa.

### 3.5 Temi ta' xogħol ieħor li l-Kunsill jista' jkollu bżonn

3.5.1 Il-Kunsilliera Tiziana Borg Busuttil semmiet il-problema ta' parkeġġ fi' Triq Ganmari' Camilleri u semmiet kif kien hemm resident ta' din it-triq li ma setgħux jidħlu u joħorġu minn darhom peress li kien hemm minn ipparkja fuq il-bankina. Il-Kunsill qabel li tissejjaħ laqgħa mal-LESA sabiex jiġu diskussi dan u punti oħra simili.

3.5.2 Il-Kunsilliera Tiziana Borg Busuttil semmiet ukoll bħonn ta' intervent fi' Triq il-Qanfud. Is-Sindku għandu jmur jarah x' hemm bħonn.

### 3.6 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

3.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda tal-pagamenti numru 2/8 li kienet tammonta għall-44,796.66 Ewro.

3.6.2 Din l-iskeda ġiet approvata unanimament u għalhekk ġiet iffirmata mis-Sindku, mis-Segretarju Eżekuttiv, u minn Kunsillieri oħra.

### 3.7 Stat tal-bajja tal-Ġnejna matul ix-xhur tas-sajf

3.7.1 Il-Kunsillier Clayton Gauci semma li kien irċieva diversi rappporti dwar nuqqas ta' dixxiplina u infurzar fil-bajja tal-Ġnejna, l-aktar matul tmiem il-ġimgħa. Il-Kunsill iddiskuta li diġa' ittieħdu passi mill-forzi tal-ordni, imma, kif qal Clayton Gauci stess, hemm bżonn aktar infurzar, speċjalment fejn tidħol il-Pulizija.

### 3.8 Preparamenti Festa 2019

3.8.1 Ġew diskussi id-diversi appuntamenti tal-membri tal-Kunsill matul il-ġimgħa tal-Festa ta' Santa Marija li ser tiġi ċċellebrata il-Hadd 18 ta' Awwissu.

3.8.2 Ġie diskuss ukoll l-għeluq ta' toroq ta' madwar il-knisja u ġie deċiż li l-Ġimgħa u s-Sibt jingħalqu mis-6 ta' filgħaxija 'il quddiem filwaqt li l-Ħadd jingħalqu mis-2 ta' waranofsinhar.

## 3.9 L-aħħar żvilluppi dwar il-proġett ta' Triq Sir Harry Luke

3.9.1 Il-Kunsill iddiskuta l-aħħar żvilluppi dwar il-proġett ta' Triq Sir Harry Luke.

3.9.2 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv informaw lill-membri tal-Kunsill bil-ftehim mal-Malta Public Transport dwar ir-rottot alternattiv tat-trasport pubbliku matul dan ix-xogħol. Dan il-ftehim huwa:

- *Rotta 238* : tinżel minn Triq San Pietru minflok minn Triq Sir Harry Luke;
- *Rotta 101* : m' hemm bżonn ta' l-ebda' tibdil;
- *Rotta 44* : tinżel u titla minn Triq San Pietru minflok minn Triq Sir Harry Luke. Dan iffisser li Triq San Pietru se jkollha bżonn linji doppji sofor temporanji maż-żewġ naħat kif ukoll installazzjoni ta' Bus Stop temporanju fil-kantuniera ma Triq San Filippu.

3.9.2 Ser terġa tissejjaħ laqgħa ta' koordinament mal-entitajiet konċernati sabiex issir aktar pjanar u koordinazzjoni.

## 3.10 Data għal-laqgħa li jmiss u tmiem tal-laqgħa

3.10.1 Qabel mal-laqgħa ġiet fi' tmiemha, il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss tissejjaħ għall-Ġimgħa 13 ta' Settembru 2019, fil-5:30 pm

3.10.2 Il-laqgħa ntemmet fis-7:05pm.

**Paul Vella**

Sindku

**Cyprian Dalli**

Segretarju Eżekuttiv